MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2022

Appell Inferjuri Numru 153/2006 LM

**Andrew u Antoinette konjuġi Tabone**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**Emanuel u Mary konjuġi Buhagiar**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenuti **Emanuel u Mary konjuġi Buhagiar**, [hawnhekk 'l-appellanti'], minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tad-19 ta' Ottubru, 2020 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ddeċidiet li x-xogħlijiet eżegwiti mill-konvenut Emanuel Buhagiar fuq il-fondi

bin-numri 1 u 2, 'Nadant', Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun [minn issa 'il-fondi'], fuq inkarigu tal-atturi **Andrew u Antoinette Tabone** [hawnhekk 'l-appellati'] ma sarux skont is-sengħa u l-arti; u konsegwentement astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha sollevati minnhom, filwaqt li laqgħet it-talbiet attriċi u llikwidat id-danni dovuti lill-atturi mill-konvenuti fis-somma ta' €10,200, u kkundannat lill-konvenuti, *in solidum* bejniethom, iħallsu lill-atturi is-somma ta' €10,200, bl-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' din id-deċiżjoni sad-data tal-pagament effettiv.

**<u>Fatti</u>**

2. Fit-talbiet tagħhom lill-Ewwel Qorti, l-atturi talbu li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuhom is-somma ta' ħamest elef Liri Maltin (LM5,000) jew somma verjuri rappreżentanti danni sofferti minnhom għaliex ix-xogħlijiet ta' *plumbing* u ta' mogħdija tal-elettriku eżegwiti mill-konvenut fil-fondi, ma sarux skont is-sengħa u l-arti.

3. Min-naħa tagħhom il-konvenuti wieġbu li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, għaliex ix-xogħlijiet eżegwiti fil-fondi in kwistjoni, saru kollha skont is-sengħa u l-arti. Il-konvenuti ressqu wkoll kontro-talba rikonvenzjonali, li permezz tagħha spjegaw li l-konvenut kien ingħata l-inkarigu li jagħmel xogħol u jipprovdi materjali għall-installazzjoni ta' sistema tad-dawl u l-ilma fil-fondi mertu ta' dawn il-proċeduri, u li *ai termini* tal-iskrittura privata tal-21 ta' Settembru, 2002 iffirmata mill-partijiet, dawn ix-xogħlijiet, materjali u servizzi

kienu jammontaw għal LM7,073.32, li minnhom l-atturi ħallsu biss is-somma ta' LM5,087.63. Il-konvenuti għalhekk talbu lill-Ewwel Qorti tikkundanna lill-atturi jħallsuhom il-bilanċ ta' LM1,985.69 li huma jgħidu li għadu dovut lilhom.

4. L-atturi rikonvenuti laqgħu għall-kontro-talba tal-konvenuti billi wieġbu li t-talbiet tal-konvenuti rikonvenjenti huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16, u għalhekk it-talba tal-konvenuti rikonvenjenti għandha tiġi respinta bl-ispejjeż għaliex hija infondata fil-fatt u fid-dritt. L-atturi rikonvenuti eċċepew ukoll li kienu huma li pprovdew il-parti l-kbira tal-materjal użat mill-konvenut fit-twettiq tax-xogħol tiegħu, u għalhekk m'għandhom jivversaw l-ebda ħlas għall-materjal indikat mill-konvenuti. L-atturi rikonvenuti eċċepew ukoll li x-xogħlijiet mill-konvenut ma sarux skont is-sengħa u l-arti, u għalhekk huma sofrew danni.

**<u>Mertu</u>**

5. Il-proċeduri odjerni huma dwar kreditu li l-atturi jippretendu li huwa dovut lilhom għal danni allegatament sofferti minnhom minħabba xogħlijiet li ma sarux skont is-sengħa u l-arti fil-fondi. Il-konvenuti laqgħu għal dawn it-talbiet permezz ta' kontro-talba li permezz tagħha qegħdin jippretendu ħlas għal xiri ta' materjali meħtieġa sabiex setgħu isiru x-xogħlijiet fil-fondi tal-atturi.

6. L-attur **Andrew Tabone** xehed li huwa sar jaf lill-konvenut minn reklam f'gazzetta, u kien għalhekk li kkuntattjah u talbu jagħmillu xogħol ta' installazzjoni tal-elettriku u ta' *plumbing* f'fondi il-Ħamrun. Qal li huwa kien

iltaqa' mal-konvenut fuq il-post, u kien sar ftehim dwar ix-xogħlijiet, fuq il-prezz u fuq terminu ta' żmien sa meta kellu jitlesta x-xogħol. Qal li l-ewwel darba li għaddielu ħsieb li x-xogħol seta' sar ħażin kien meta ried jgħaddi *cable* tat-*television* u sab li l-*cable* ma kienx jgħaddi mill-*conduit* li għamel il-konvenut. Qal li kien għalhekk li huwa qabbad lill-Inġinier John Caruana sabiex jispezzjona x-xogħol, u meta dan mar fuq il-post kien qallu li x-xogħol tal-elettriku li kien sar fl-appartament numru 2 ma kienx skont is-sengħa u l-arti, u qal li x-xogħol kellu jsir mill-ġdid. L-attur qal li meta mar mal-inġinier fl-appartament numru 1, għal darb'oħra seta' jikkonstata li x-xogħol li sar kien perikoluż u li seta' jikkawża xi nar fil-fond. Qal li fil-fatt ftit xhur wara li beda juża l-appartament numru 1, kien hemm xi plakek li bdew jisħnu u wara ftit inħarqulu żewġ MCBs. Qal li meta nforma lill-intimat b'dak li kien qallu l-Inġinier, il-konvenut ħadu bl-herra u ma riedx jaċċetta li seta' kien hemm xi difetti fix-xogħol tiegħu. Qal ukoll li huwa sab ruħhu f'sitwazzjoni fejn kellu jerġa' jagħmel ix-xogħol tal-elettriku mill-ġdid, u meta sab *electrician* biex jagħmel dan ix-xogħol, dan beda jsib diversi difetti fix-xogħol li kien għamel il-konvenut, fosthom *wires* imġannta bit-tejp li setgħu jikkawżaw ħruq. Qal ukoll li x-xogħol fl-appartament numru 1 kien jinkludi l-qlugħ ta' madum għaliex il-konvenut laħaq avvanza fix-xogħol. L-attur qal li b'kollox huwa ħallas is-somma ta' LM3,600 lill-konvenut għax-xogħlijiet li dan għamel fiż-żewġ fondi. L-attur qal li anki t-twaħħil ta' plakek li kellu jagħmel il-konvenut ma sarx fil-postijiet indikati minnu. B'riferiment għax-xogħol li sar fl-appartament numru 1, l-attur qal li huwa kien jispjega lill-konvenut li huwa ma xtaqx li t-trinek ikunu mimduda, iżda riedhom dritti minn fuq għal isfel, imma l-konvenut għal xi raġuni għamel it-trinek mimduda u anke kkawża ħsara fil-ħajt. L-attur qal li huwa staqsa lill-konvenut diversi drabi jekk dan kellux liċenzja biex

jaħdem bħala *electrician,* iżda dan ma kienx iwieġeb, sakemm eventwalment sar jaf li l-konvenut ma kellux liċenzja biex jagħmel dan ix-xogħol.

7. L-attur ippreżenta wkoll kopja tar-rapport redatt mill-inġinier *ex parte* John Caruana li spjega x'difetti sab meta aċċeda fil-fondi in kwistjoni wara x-xogħlijiet tal-konvenut, flimkien ma' xi ritratti li juru d-difetti li sab.

8. L-**Inġinier John Caruana** fix-xhieda tiegħu qal li huwa jaħdem bħala *electrical engineer* u kien ġie avviċinat mill-attur, li qallu li kellu suspett li l-*electrical installation* li kien għadu kif għamel f'xi appartamenti tiegħu ma kinitx saret sew. Qal li wara li għamel l-ispezzjoni tiegħu kien irriżultalu li parti mis-sistema installata ma kinitx skont is-sengħa u l-arti, u saħansitra kien hemm xogħol li seta' jitqies perikoluż.

9. **Anthony Demanuele**, li għamel żmien jgħix f'wieħed mill-appartamenti in kwistjoni, fid-depożizzjoni tiegħu spjega li huwa kien josserva lill-konvenut jaħdem, u kien hemm drabi meta huwa ġibidlu l-attenzjoni għall-fatt li ma kienx qiegħed juża l-għodda idonea għax-xogħol li kien qed jagħmel. Dan ix-xhud qal ukoll li uħud mill-ħaddiema li marru fil-fond biex jagħmlu l-installazzjoni tal-elettriku wara x-xogħol tal-konvenut, irrifjutaw li jaħdmu. Ix-xhud qal li hekk kif daħal fil-fond beda jara diversi difetti, fosthom pajpijiet u kanen li bdew jisparaw 'il barra, kien hemm problemi ta' ħruq fil-*points* tad-dawl, u b'mod ġenerali qal li huwa ma jħossux sigur jgħix f'dan il-fond minħabba l-periklu li għad hemm. Ix-xhud qal li huwa sar jaf li sabiex ingħata l-konsum mill-Enemalta, kien hemm terz li ffirma għax-xogħol li għamel il-konvenut għaliex dan ma kellux liċenzja.

10. Il-konvenut **Emanuel Buhagiar** xehed li huwa kien jaħdem bħala *electrician* u *plumber* fuq bażi *part-time,* u qal li kien ilu jagħmel dan ix-xogħol madwar tletin sena. Qal ukoll li mhux minnu li l-attur seta' sar jaf bih permezz ta' xi avviż fil-gazzetta, iżda kien hemm terz li rakkomandah biex jagħmel dan ix-xogħol. Qal li huwa ltaqa' mal-attur darbtejn jew tlieta qabel beda x-xogħol, u l-ewwel ma beda kien ix-xogħol li kellu jsir fl-appartament numru 2, li kien jokkupa l-attur. Spjega li meta ġie biex iwaħħal is-*ceiling roses,* kien induna li s-saqaf kien imżaqqaq, u għalhekk kien ġibed l-attenzjoni tal-attur dwar dan il-fatt u kien anki rreferieh għand perit, li kien tal-fehma li s-saqaf kellu jinbidel. Il-konvenut qal li f'dan l-istadju huwa kellu x-xogħol kollu f'dan l-appartament lest, iżda kellu jistenna li jsiru xogħlijiet fis-saqaf sabiex jerġa' jagħmel ix-xogħol li kien diġà lesta. Qal ukoll li minkejja li kien lesta x-xogħol fl-appartament numru 2 u saħansitra kien waħħal id-*distribution box,* wara ftit kellu jerġa' jaqlagħha. Il-konvenut qal ukoll li huwa safa mkeċċi mill-appartament numru 1, u kien Anthony Demanuele, li kien jgħix f'dan il-fond, li talbu ma jersaqx aktar lejn il-post. Il-konvenut qal li kien hemm drabi meta wara li kien waħħal xi *point* tad-dawl, huwa ntalab jgħaddi *point* x'imkien ieħor. Qal ukoll li meta twaqqaf milli jkompli jaħdem, ix-xogħol ma kienx lest kollu u kien fadallu xi ftit irqaqat li ried jerġa' jgħaddihom. Il-konvenut kompla jgħid li minkejja l-ilmenti tal-attur u ta' Anthony Demanuele, dawn qatt ma talbuh imur fuq il-post sabiex jirrimedja x-xogħol li ma kienx għas-sodisfazzjon tagħhom, u qal ukoll li huwa lanqas ma kien jaf bir-rapport tal-inġinier li tqabbad mill-atturi. Qal ukoll li mhux minnu li huwa kien ġannat xi *wires* jew li kien hemm xi pajp li spara għaliex is-sistema użata minnu ma tinqalax mill-kamin. Il-konvenut qal li huwa ħalla warajh diversi oġġetti fl-appartament numru 2 meta waqaf mix-xogħol. F'seduta sussegwenti

l-konvenut ikkonferma li Joseph Camilleri huwa inġinier kwalifikat li joħroġ iċ-ċertifikati wara li jlesti x-xogħol hu, u qal li mingħajr din iċ-ċertifikazzjoni ma tkunx tista' tingħata l-provvista tal-elettriku mill-Enemalta. Qal ukoll li mhux minnu li Camilleri ħareġ xi ċertifikat mingħajr ma spezzjona x-xogħol. Il-konvenut qal li dak li qiegħed jintalab minnu f'din il-kawża huwa rimbors għall-materjal mhux użat u għall-għodda li huwa ħalla warajh fl-appartament tal-attur. Qal li parti mill-inkarigu tiegħu kien jinkludi t-twaħħil tat-tankijiet tal-ilma fuq il-bejt, u qal li dawn it-tankijiet inxtraw minnu u huwa kien xtara wkoll l-materjal kollu użat fix-xogħlijiet f'dawn il-fondi. Il-konvenut ikkonferma li l-attur lilu ħallsu s-somma ta' LM3,600.

11. Permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fil-25 ta' Mejju, 2009, il-Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-atturi u ddikjarat il-kontro-talba tal-konvenuti bħala preskritta *ai termini* tal-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

12. L-attur waqt il-kontro-eżami spjega li l-inkarigu li huwa ta lill-konvenut kien jikkonsisti f'xogħol ta' *plumbing* u elettriku fil-fondi in kwistjoni, u żied jgħid li huwa ma kienx ittermina l-inkarigu tal-konvenut. L-attur ikkonferma li huwa s-sid taż-żewġ fondi, iżda kien Anthony Demanuele li kien qiegħed jagħmel użu mill-appartament numru 1, li ma kienx sodisfatt bix-xogħol li kien qiegħed jagħmel il-konvenut. Qal li kien wara li Demanuele kellu xi jgħid mal-konvenut, li huwa kien inkariga inġinier biex imur fil-fondi sabiex jikkonstata jekk kienx hemm difetti fix-xogħlijiet li kienu saru mill-konvenut, u l-inġinier kien infurmah li fil-fondi kien hemm diversi difetti. L-attur qal li huwa vversa diversi pagamenti

lill-konvenut, apparti d-depożitu li kien tah qabel inbdew ix-xogħlijiet, u l-aħħar somma ta' LM2,500 li kien ivversa lill-konvenut kien tahomlu taħt theddida għaliex beża' li l-konvenut kien ser jieħu l-materjal u ma kienx ser ikompli bix-xogħol. Qal ukoll li meta bdew jiżviluppaw ħsarat fl-affarijiet installati fl-appartament numru 1, huwa deherlu li ma kellux iqabbad lill-konvenut biex jagħmel it-tiswijiet meħtieġa, għaliex sa dak iż-żmien huwa kien irrealizza li l-konvenut ma kienx jaf jagħmel dak ix-xogħol. Qal li wara li ra r-rapport tal-Inġinier Caruana, huwa kien informa lill-konvenut li x-xogħol li kien għamel ma kienx sar sew, iżda l-konvenut bl-ebda mod ma ried jaċċetta dan. L-attur żied jgħid li huwa deherlu li ma kellux ikun Anthony Demanuele li jwaqqaf l-inkarigu tal-konvenut, ladarba kien hu li kien inkarigah bix-xogħol, iżda żied jgħid li meta l-istess Demanuele beda jurih x'difetti kien hemm fil-fond, huwa kien iddeċieda li jqabbad inġinier sabiex iħejji rapport dwar ix-xogħlijiet li kien lesta l-konvenut.

13. L-Ewwel Qorti ħatret lill-**Inġinier André Cauchi** sabiex jagħmel aċċess fil-fondi u jagħmel il-konstatazzjonijiet tiegħu dwar l-installazzjonijiet li saru mill-konvenut. Mir-rapport tal-Espert Tekniku Ġudizzjarju jirriżulta li kien hemm ħafna xogħol li seta' sar aħjar, oġġetti li setgħu jintużaw sabiex jirrendu x-xogħol aktar sigur u li tħallew nieqsa, ksur tar-regolamenti bix-xogħol li sar, kif ukoll xogħol li ma sarx skont il-prattika tajba. Waqt l-eskussjoni tal-Espert Tekniku Ġudizzjarju, dan spjega li huwa kien għamel spezzjoni viżwali fil-fondi, u qal li huwa fetaħ diversi kaxxi sabiex ikun jista' jaqdi l-inkarigu tiegħu. L-Espert Tekniku Ġudizzjarju qal ukoll li x-xogħol li sar mill-konvenut sar skont prattiki antiki tax-xogħol, u llum dan it-tip ta' xogħol mhux aċċettabbli għaliex jikkrea '*hot spot'*.

## Is-Sentenza Appellata

14. Permezz tas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Ottubru, 2020, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li x-xogħol esegwit mill-konvenut fil-fondi ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u konsegwentement filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti, ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha sollevati minnhom, u minflok laqgħet it-talbiet tal-atturi, b'dan illi llikwidat id-danni kollha sofferti minnhom fl-ammont ta' €10,200, u kkundannat lill-konvenuti iħallsu dan l-ammont, bl-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Ikkunsidrat;***
>
> *Bil-proċeduri odjerni l-atturi jitolbu li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuhom is-somma ta' €11,646.87 (fn. 20 ekwivalenti għal LM5,000) jew somma verjuri likwidata mill-Qorti, rappreżentanti danni minnhom sofferti minħabba li x-xogħlijiet esegwiti mill-konvenut Emanuel Buhagiar fil-fondi Nru. 1 u 2, 'Nadant', Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun, ma sarux skont is-sengħa u l-arti. Il-konvenuti jilqgħu għat-talba attriċi bl-eċċezzjonijiet illi: (i) it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi; (ii) ix-xogħlijiet kollha eżegwiti mill-konvenut Emanuel Buhagiar saru kollha skont is-sengħa u l-arti; (iii) peress illi l-atturi huma debituri tagħhom għall-bilanċ tal-prezz tax-xogħlijiet in kwistjoni, huma jipprevalixxu ruħhom mid-dritt li jressqu kontro-talba fil-konfront tal-atturi fejn jitolbu li l-Qorti tikkundanna lill-istess atturi jħallsuhom il-bilanċ lilhom dovut.*
>
> *Bil-kontro-talba tagħhom il-konvenuti talbu li l-atturi jiġu kkundannati,* in solidum *bejniethom, iħallsuhom is-somma ta' €4,625.41 (fn. 21 ekwivalenti għal LM1,985.69) rappreżentanti l-bilanċ dovut għax-xogħlijiet esegwiti minn Emanuel Buhagiar fil-fondi Nru. 1 u 2, 'Nadant', Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun. L-atturi laqgħu għall-kontro-talba tal-konvenuti bl-eċċezzjonijiet illi: (i) preliminarjament, it-talba tal-konvenuti rikonvenjenti hija preskritta* ai termini *tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) bla preġudizzju u fil-mertu, it-talba tal-konvenuti rikonvenjenti għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra tagħhom stante li hija infondata fil-fatt u fid-*

*dritt u dana peress illi l-eċċipjenti ma fadlilhom iħallsu ebda bilanċ lill-konvenuti rikonvenjenti; (iii) b'referenza għad-dokumenti eżebiti mill-konvenuti rikonvenjenti mal-Kontro-Talba tagħhom, jirrilevaw li kienu huma stess (ossia l-atturi) li ssupplixxew il-maġġoranza tal-materjal, użat mill-konvenut rikonvenjent Emanuel Buhagiar fit-twettiq tax-xogħol tiegħu, u għalhekk m'għandhom jivversaw ebda ħlas għall-materjal indikat f'dawn id-dokumenti; (iv) ix-xogħol imwettaq mill-konvenut rikonvenjent Emanuel Buhagiar ma sarx skont is-sengħa u l-arti, tant illi huma sofrew u ġarrbu danni u għalhekk ma għandhom jivversaw ebda ħlas lill-konvenuti rikonvenjenti.*

*B'sentenza pronunċjata fil-25 ta' Mejju, 2009 (fn. 22 fol. 122 sa 128 tal-proċess) ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-atturi għall-Kontro-Talba tal-konvenuti u b'hekk il-Kontro-Talba ġiet dikjarata preskritta. Għalkemm l-imsemmija sentenza ġiet appellata, b'sentenza pronunċjata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Novembru, 2009 (fn. 23 fol. 141 sa 149 tal-atti proċesswali deċiżi mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)), l-appell ġie dikjarat irritu u null. Ifisser għalhekk li f'dan l-istadju jifdal li tiġi kkunsidrata t-talba attriċi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut, dana salv għat-tielet eċċezzjoni li in segwitu għas-sentenzi appena msemmija l-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.*

*Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur Andrew Tabone inkariga lill-konvenut Emanuel Buhagiar sabiex jesegwixxi xogħol ta' dawl u ilma fil-fondi Nru. 1 u 2, 'Nadant', Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun, iżda skont l-attur* ix-xogħol li wettaq il-konvenut kien diżastruż *(fn. 24 xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' April, 2007, fol. 23 sa 26 tal-proċess) u illum qed ifittex lill-konvenuti konjugi Buhagiar għad-danni sofferti minnu b'konsegwenza li tali xogħol mhux esegwit skont is-sengħa u l-arti. Jiġi osservat li f'materja ta' danni huwa prinċipju ġenerali assodat* illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għemil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jeħtieġ jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbiltà ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsegwenzjali ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni *(fn. 25 Charles Gauci et v. Maria Borg Mizzi et noe, Ċitaz. Nru. 87/98 deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Novembru, 2004). F'materja ta' appalt imbagħad japplikaw il-prinċipji li:* (1) L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacità ordinaria; (ii) l-artefiċi għandu jiggarantixxi l-bontà tax-xogħol tiegħu; u din il-garanzija hija impliċita. Huwa tenut anki għall-kolpa ljevi; (iii) l-appaltatur għandu jeżegwixxi x-xogħol lilu kommess fis-sens li huwa għandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xogħol ikun sejjer isir

utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. F'każ bħal dan hu għandu mill- ewwel ma jagħmilx ix-xogħol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġu 'l quddiem *(fn. 26 Raymond Borg et v. Ħal Mann Limited, Appell Ċivili Nru. 34/99 deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru, 2003).*

*Huwa fil-kwadru ta' dawn il-prinċipji ġuridiċi li għandhom jiġu kkunsidrati l-fatti li jirriżultaw mill-provi prodotti f'dawn il-proċeduri.*

*In sostenn tal-affermazzjoni tiegħu li x-xogħol li wettaq il-konvenut fil-fondi Nru. 1 u 2, 'Nadant', Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun, huwa disastruż, l-attur ippreżenta, fost diversi provi oħra, rapport imħejji mill-Inġinier John Caruana (fn. 27 Dok. "AT" a fol. 33 sa 38 tal-proċess), illi spezzjona ż-żewġ fondi u x-xogħol esegwit fihom u rrapporta fid-dettal dwar il-kwalità tal-istess xogħol. Fir-rapport ferm dettaljat tiegħu l-Inġinier Caruana huwa kritiku ħafna fir-rigward tax-xogħol esegwit mill-konvenut Emanuel Buhagiar kemm fil-fond Nru. 1 - fejn spezzjoni tax-xogħol ma kenitx faċli ħafna għaliex kien ġia qed jiġi abitat min-nies - kif ukoll fil-fond Nru. 2 u di fatti fil-fehma tiegħu, fehma sopportata wkoll b'ritratti annessi mar-rapport tiegħu li juru x-xogħol kif esegwit mill-konvenut, il-maġġor parti ta' dan ix-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti tant illi finalment ikkonkluda li* as can be seen from the observations carried out in both flats and main staircase, planning of the electrical installation was lacking. Moreover, workmanship was not to required standards. If proper design was done at the initial stages, conduit layout would have been more appropriate, this leading to more proper wiring and eliminates all the difficulties in these installations. My recommendation is to re-design and re-install the electrical installation at Flat No.2 and re-configure and adjust accordingly the consumer units in the main entrance. Re Flat No.1 further testing is necessary and where possible circuit configuration re-configured to eliminate the problems of having two circuits in one room. This task is time consuming because furniture is already in place and flat is already being used (fn. 28 fol. 38 tal-proċess).

*L-imsemmi Inġinier John Caruana kkonferma r-rapport tiegħu u fir-rigward huwa xehed* darba minnhom kont avviċinat mis-Sur Tabone, l-attur, u dan qalli illi għandu żewġ (2) appartamenti illi kien għadu kif għamel l-electrical installation fih u kellu suspett illi din l-installazzjoni ma kienetx waħda korretta u talabni nagħmillu spezzjoni ta' dawn il-fondi, tas-sistema tal-elettriku fihom. Wara illi għamilt l-ispezzjoni tiegħi, fid-29 ta' Settembru, 2004, irriżultali illi parti mis-sistema nstallata ma kienetx skont is-sengħa u parti oħra ma kienetx safe. Bħal per eżempju ikollok żewġ (2) sockets ma' ġenb xulxin illi jkunu qegħdin jieħdu l-elettriku minn circuits differenti, allura inti titfi c-circuit ta' ċerta kamra, fejn mingħalik qtajt l-elettriku ta' kollox, mentri ikollok

socket li jkun għadu live u tista' tieħu xokk li jwassal għall-mewt. L-ewwel ħaġa li għamilt, però, tlabt il-pjanta tal-installation, però is-Sur Tabone qalli li ma għandux għaliex l-Electrician ma tahilux. Għalija kien importanti illi jkollok il-pjanta peress illi stajt insegwiha u nara x-xogħol jekk mexiex jew le skont din il-pjanta. Mingħajr il-pjanta kelli niċċekkja socket socket u l-wires li kien hemm ġo fihom u nara fejn imorru. Sibt per eżempju anke ċirkostanzi fejn l-elettriku tal-lighting tal-bozza tkun imqabbda mal-outlet socket. Dan skont is-sengħa huwa ħażin ħafna peress illi l-wire illi jqabbad id-dawl ġeneralment ikun ta' xi fifteen (15) amps, mentri l-outlet socket tkun tiflaħ thrity two (32), b'hekk jekk il-lampa tiġi over loaded ic-circuit breaker ma jittripjax peress illi l-ħxuna tal-wire fis-socket tkun ikbar u jiġri illi l-wire jista' jinħaraq b'konsegwenzi gravi għas-sistema kollha. Sibt diversi minn din is-sitwazzjoni. Sibt anke sitwazzjonijiet fejn kien hemm *outlet socket* li jkun imqabbad minn żewġ (2) circuits differenti. Dan huwa perikoluż ħafna. ... Ir-rakkomandazzjoni tiegħi qegħdin fl-aħħar paġna tar-rapport fejn jirrigwardja l-flat number two (2) li baqa' mhux kompletat, fl-opinjoni tiegħi dan ried jitneħħa kollox u jsir mill-ġdid. Il-flat number one (1), li joqogħdu fih in-nies irid jiġi ttestjat sew u jiġu aġġustati u rranġati s-sistema fejn qiegħda mhux skont is-sengħa *(fn. 29 xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju, 2007, fol. 66 u 67 tal-proċess).*

*L-osservazzjonijiet tal-Inġinier John Caruana dwar ix-xogħol ta' dawl esegwit mill-konvenut ġew ikkonfermati anke mill-Perit Tekniku l-Inġinier André Cauchi u dana partikolarment għal dak li jirrigwarda x-xogħol ta' dawl esegwit fil-fond Nru. 1, li huwa l-fond li ġie spezzjonat mill-Perit Tekniku. In effetti fir-Relazzjoni (fn. 30 fol. 208 sa 221 tal-proċess) tiegħu il-Perit Tekniku kkonstata u kkonkluda li* l-aċċess sar fl-appartament numru 1. Kien għalkemm qasir, ta' ftit inqas minn sagħtejn, u priċipalment ta' natura viżwali. Fl-appartament kien hemm in-nies jgħixu fih, u l-perit ma riedx iħarbat l-installazzjoni li spezzjoni sħiħa tkun teħtieġ. L-iskop kien li wieħed jara l-installazzjoni u jieħu kampjun biex jivverifikaw il-każ. Il-Perit talab kopja tal-pjanta tal-installazzjoni, il-konvenut ikkonferma li din ma saritx. Mill-kampjun huwa kkonferma l-metodoloġija tat-twaħħil ta' cable billi dawwarhom flimkien u 'tape' fuqhom. L-ebda konnetturi xierqa tal-kina kienu wżati. Mill-kampjun huwa ikkonferma li 'conduit bushes' ma tantx ġew użati. Il-Perit ra u jikkonferma l-punti kollha deskritti fl-artikolu 2.1.13 hawn fuq, li *fir-rapport tal-Inġinier John Caruana jittratta dwar in-nuqqasijiet ravviżati fil-main staircase*. Il-Perit ra affarijiet oħra mhux rapportati hawn fuq, bħal: kejbils tal-kulur ħażin użati mingħajr identifikazzjoni fit-truf bit-tejp ta' kulur korrett; l-użu ta' 'fitting' mhux tajbin biex ikunu fil-beraħ; punti tad-dawl bl-ebda 'loop in' kaxxi; punti tad-dawl fuq il-bejt esposti għax-xita. Abbażi

tal-punti u l-kummenti t'hawn fuq, wieħed għandu jikkonkludi li l-installazzjoni m'humiex skont il-prattika tajba u r-regolamenti.

*Il-konvenut da parte tiegħu jisħaq li x-xogħol esegwit minnu huwa skont is-sengħa u l-arti u fir-rigward iddikjara li* għall-ħabta ta' Ottubru, Novembru tal-2002 bdejt ix-xogħol fil-flat number 2. Dan kien il-flat illi kellu jokkupa l-attur. Ix-xogħol kien għaddej normali u meta ġejt sabiex inwaħħal ic-*ceiling roses* mas-saqaf kelli raġel miegħi illi kien qed jgħini illi ġibidli l-attenzjoni illi s-saqaf kien imżaqqaq. Jiena kellimt lill-attur dwar dan il-fatt u ħadtu jiena għand il-Perit Michelle Attard. Dan ġie, ra s-saqaf u qallu illi kellu jinbidel. F'dan l-istadju fil-flat 2 kelli kollox lest - bil- piping u l-wiring għaddej, inkluż is-saqaf. F'dan l-istadju wkoll iltqajt mas-Sur Demanuele u flimkien mas-Sur Tabone ġew għandi u aħna ddiskutejna l-prezz sabiex inneħħi s-sistema tal-elettriku tas-saqaf illi kien hemm fil-flat number 2 sabiex dan jitwaqqa' u jerġa' jsir mill-ġdid u ftehmna bil-prezz ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400). Imbagħad wara x-xogħol jitkompla, però din id-darba bil-points. Hawnhekk bdejt naħdem ix-xogħol fil-flat 1, kif ukoll fil-partijiet komuni. Waqt li kien qed isir ix-xogħol fis-saqaf, jiena kont qed naqla' s-sistema u nerġa' nixxiftja kollox, peress illi s-saqaf kien qed jinħadem fi tliet (3) fażi. Peress illi l-atturi kellhom kwistjoni mal-kuntrattur, ix-xogħol fis-saqaf dam ma jsir u naf illi sa Santa Marija u Settembru tal-2003, kont għadni qed naħdem biċċiet biċċiet fuq is-saqaf tan-number 2. Rigward il-ħajt illi waqa', jiena kont għamilt ix-xogħol ta' *chasing* fuq in-naħa tal-kċina, imbagħad bdejt biex nagħmel l-istess xogħol fuq in-naħa tal-kamra tas-sodda. Fil-kamra tas-sodda il-plugs ma jsirux fuq ir-raba' (4) filata imma jsiru baxxi, xi tmintax (18)/għoxrin (20) pulzier 'il bogħod mill-art. Ġie l-attur u qalli biex nieqaf għaliex il-ħajt imbeżaq u xi ġimgħat wara ġew il-bennejja sabiex ibiddlu l-ħajt u komplejt għaddej bix-xogħol tiegħi normali. Qatt ma kellna problemi lanqas fuq pagamenti u r-relazzjonijiet tagħna kienu tajbin. Komplejt ix-xogħol fuq il-flat number 2 u daħlet is-sena 2004 u kont komplejt naħdem fil-flat number 1. Oriġinarjament is-Sur Tabone kien qalli illi l-flat number 1 kellu jkun għal kummerċ, però imbagħad is-Sur Demanuele kien wera l-intenzjoni illi ser iżommu hu u allura f'dak il-każ, ladarba s-Sur Demanuele kien ser jgħix hu stess f'dak il-fond, żidna fl-ammont ta' plakek. Ix-xogħol fil-flat 2 kien tant komplet illi anke d-*distribution box* kelli mwaħħla u dik kelli naqlagħha. Però meta erġajt mort għaliha ma sibthiex. Staqsejt lis-Sur Tabone jekk huwa poġġihiex x'imkien, illi qalli ma missiex. F'Awwissu tal-2004 is-Sur Demanele, illi joqgħod fil-flat number 1, waqqafni u fil-flat number 2 ħallejt warajja ħafna materjal. Iċ-ċirkostanzi kif ġejt imkeċċi huma dawn - darba minnhom jiena mort biex inkompli x-xogħol fil-flat number 1 u kien hemm is-Sur Demanuele u kif ukoll xi technicians tal-Melita Cable. It-technician ġibidli l-attenzjoni illi l-wire illi jiena kont għaddejt minn ġol-conduit, biex iservi għal Melita Cable, ma

kienx sodisfaċenti u jiena għidtlu illi minn dejjem dak il-wire użajt u għadu jintuża sa llum, u fi kwalunkwe każ il-ftehim illi kelli mas-Sur Tabone kien għal television points u mhux għal cable tal-Melita. … Il-cable illi użajt għat-television huwa wieħed kummerċjali, illi jintuża normalment fil-professjoni. Il-Melita Cable jużaw tagħhom. Meta jiena ftehmt mal-attur għal television points, dawn saru fil-kmamar kollha minbarra fil-kamra tal-banju. Mat-television points kien hemm ukoll it-telephone points. Vera illi kien hemm problema sabiex jinġibed lura l-wire illi kien għaddej minn ġol-conduit, imma wieħed irid iqis ukoll illi warajja ħadem tal-madum, fejn allura dan meta jqiegħed il-madum u jagħfas fuq il-conduit, jekk joqorsu jista' jkun diffiċli biex jiġbed il-wire. Barra minn hekk is-Sur Demanuele ħadem bil-gypsum, fejn allura ħeba l-conduit u kien kważi impossibbli illi tirtiraħ. Nixtieq ngħid ukoll illi lili ħadd ma qalli sabiex ngħinhom, sabiex nurihom fejn kienu qegħdin il-points u fejn kien għaddej il-conduits, biex forsi kieku riedu jneħħu l-wires stajt ngħinhom. … L-atturi ilmentaw ukoll dwar xi point tat-television illi kien hemm power point mejjet fil-kċina. Dan huwa minnu l-għaliex meta jiena kont qed nagħmel il-point għat-television Mrs. Demanuele kienet qaltli biex nagħmel point ieħor faċċata. Però meta lestejtu qaltli li mhux hemm riditu, iżda post ieħor u għalhekk għaddejt dan il-wire għal dan il-post il-ġdid fejn kienet indikatli Mrs. Demanuele. Però l-wire għal point oriġinali ħallejtu hemm. Fl-open plan għandhom tlett (3) points - mill-gallarija għal ġol-kċina u dik l-area kollha. L-atturi ilmentaw minn plakek illi ma kinux sodi mal-ħajt. Nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-Qorti illi x-xogħol ma kienx għadu lest. Veru illi l-wiring kien lest u kien kollox f'postu però dejjem jifdallek xi irqaqat u jista' jkun illi kien hemm xi plakkek illi kellhom il-vitin qosra. Però din hija xi ħaġa żgħira illi jiena stajt nirrimedja fl-aħħar - li kieku ħallewni. L-attur kien ilmenta wkoll minn xi ħsara fis-salvavita u l-main switch u dawn ġabhom il-Qorti fejn wera wkoll MCB maħruq. Din hija l-ewwel darba illi rajt dawn l-affarijiet u ma nistax ngħid jekk kinux minn tiegħi jew le. Is-Sur Tabone lili qatt ma qalli b'dan l-inċident. Għalhekk m'inix f'posizzjoni illi nikkummenta la ma qallix u jiena ma rajtux b'għajnejja l-materjal illi ġab il-Qorti. Minkejja illi saru ħafna ilmenti fuq ix-xogħol tiegħi, la s-Sur Tabone u lanqas is-Sur Demanuele ma qatt ċempluli jew inkella qaluli biex immur nirrimedja. Lanqas ma kont naf bir-rapport tal-Inġinier. Dan sirt nafu l-Qorti. L-atturi semmew ukoll xi wire imġannat, però ma qalux f'liema flat kien. Dan mhux xogħol minn tiegħi għax mhux skont is-sengħa u l-arti illi ġġannat wires. L-atturi semmew ukoll pipe illi spara. Jiena wżajt pipes ta' Acorn u dawn ma jinqalgħux mill-kamin *(fn. 31 xhieda mogħija mill-konvenut waqt is-seduta tal-5 ta' Ġunju, 2007, fol. 81 sa 86 tal-proċess).*

*Din ix-xhieda tal-konvenut però ma hijiex ta' wisq sufraġju għalih, anzi in verità tikkonferma li x-xogħol tal-elettriku minnu esegwit fil-fondi Nru. 1 u 2, Nadant, Triq il-*

*Kappillan Mifsud, Ħamrun, fuq inkarigu tal-attur Andrew Tabone ma kienx skont is-sengħa u l-arti. Kif ġustament osservat mill-Perit Tekniku l-Inġinier André Cauchi:*

- *Fejn il-konvenut xehed illi mat-television points kien hemm ukoll it-telephone points.* Vera illi kien hemm problema sabiex jinġibed lura l-*wire* illi kien għaddej minn ġol-*conduit*, imma wieħed irid iqis ukoll illi warajja ħadem tal-madum, fejn allura dan meta jqiegħed il-madum u jagħfas fuq il-conduit, jekk joqorsu jista' jkun diffiċli biex jiġbed il-wire*, din ma hijiex skuża sodisfaċenti għar-raġuni li kif osserva l-Perit Tekniku* l-prattika tajba titlob li l-conduit huwa installat u protett sew sabiex jevitaw każijiet bħal dawn. *Apparte minn hekk il-konvenut ma jistax jippretendi li jeżimi ruħu minn kwalunkwe responsabilità billi sempliċement jwaħħal fl-operat ta' ħaddieħor mingħajr lanqas biss jikkjama lil din il-persuna fil-kawża. In effetti huwa prinċipju ġuridiku assodat illi:* l-konvenut ma jista' jaddebita l-ebda ħtija fuq terz meta jonqos li jsejjaħ lil tali persuna fil-kawża. Id-difiża tat-terz injot mhix sostenibbli għaliex il-kawża hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-tort ma tista' tiġi addebitatat lil xi ħadd li ma hux fil-kawża *(fn. 32 Anthony Fenech noe v. Paul Gauci, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-21 ta' Frar, 1994).*

- *Fejn il-konvenut iddikjara li* barra minn hekk is-Sur Demanuele ħadem bil-gypsum, fejn allura ħeba l-*conduit* u kien kważi impossibbli illi tirtiraħ. Nixtieq ngħid ukoll illi lili ħadd ma qalli sabiex ngħinhom, sabiex nurihom fejn kienu qegħdin l-points u fejn kien għaddej il-conduits, biex forsi kieku riedu jneħħu l-wires stajt ngħinhom, *din ukoll mhix skuża sodisfaċenti għaliex kif ben osservat mill-Perit Tekniku l-prattika tajba titlob u tirrikjedi li tiġi provduta pjanta tal-installazzjoni tal-elettriku lill-klijent/appaltant proprju sabiex jiġu evitati dawn is-sitwazzjonijiet. Il-konvenut jisħaq li huwa ma ngħatax l-opportunità li jipprovdi pjanta tax-xogħol tiegħu għaliex tkeċċa qabel ma effettivament lesta dan ix-xogħol. Apparte l-fatt li din ma hijiex skuża valida għan-nuqqas ta' pjanta għaliex skont il-prattika tajba din issir fil-bidu tax-xogħol u mhux fl-aħħar, mill-provi prodotti jirriżulta li l-konvenut kien fil-fatt lesta x-xogħol ta' installazzjoni tal-elettriku fil-fond Nru.1 u b'hekk hemm żgur ma kellux skuża għalfejn il-pjanta tal-installazzjoni f'dak il-fond ma ġietx provduta.*

- *Fejn il-konvenut iddikjara li* l-atturi ilmentaw ukoll dwar xi point tat-television illi kien hemm power point mejjet fil-kċina. Dan huwa minnu l-għaliex meta jiena kont qed nagħmel il-point għat-television Mrs Demanuele kienet qaltli biex nagħmel point ieħor faċċata. Però meta lestejtu qaltli li mhux hemm riditu, iżda post ieħor u għalhekk għaddejt dan il-wire għal dan il-post il-ġdid fejn kienet indikatli Mrs Demanuele. Però l-wire għal point oriġinali ħallejtu hemm – *din ukoll ma hijiex skuża*

*sodisfaċenti għar-raġuni li, kif osservat mill-Perit Tekniku, tali aġir tal-konvenut huwa kontra l-prattika tajba u regolamenti.*

- *Fejn il-konvenut iddikjara li* l-atturi ilmentaw minn plakek illi ma kinux sodi mal-ħajt. Nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-Qorti illi x-xogħol ma kienx għadu lest. Veru illi l-wiring kien lest u kien kollox f'postu però dejjem jifdallek xi irqaqat u jista' jkun illi kien hemm xi plakek illi kellhom il-vitin qosra. Però din hija xi ħaġa żgħira illi jiena stajt nirrimedja fl-aħħar - li kieku ħallewni - *hawn ukoll din ma hijiex skuża sodisfaċenti għar-raġuni li kif osservat mill-Perit Tekniku dan it-tip ta' xogħol isir fil-bidu u mhux wara li jitlesta x-xogħol. Il-prattika tajba tiddetta li l-viti tal-plakek jiġu issikkati u fejn hemm il-bżonn mibdula, meta jitwaħħlu l-plakek u mhux f'xi żmien wara u dana iktar u iktar meta l-flat Nru.1 kien se jkun abitat minn familja.*
- *Fejn il-konvenut iddikjara* l-atturi semmew ukoll xi wire imġannat, però ma qalux f'liema flat kien. Dan mhux xogħol minn tiegħi għax mhux skont is-sengħa u l-arti illi iġġannat wires. L-atturi semmew ukoll pipe illi spara. Jiena wżajt pipes ta' Acorn u dawn ma jinqalawx mill-kamin - *dak minnu affermat jinsab kontradett mill-Perit Tekniku illi fir-Relazzjoni tiegħu ddikkjara waqt l-aċċess il-Perit u l-konvenut raw wajers imġannta fil-kaxxi tal-PVC. Kif già iktar 'il fuq osservat, il-konvenut ma jistax jippretendi li jesimi ruħu minn kull responsabilità billi jallega li x-xogħol mhux skont is-sengħa u l-arti ma huwiex xogħol esegwit minnu mingħajr però ma jindika min seta' esegwixxa tali xogħol hekk determinat bħala mhux skont is-sengħa u l-arti.*

*Apparte minn dan kollu appena osservat, għalkemm fix-xhieda tiegħu l-konvenut iddikjara li l-*attur kien ilmenta wkoll minn xi ħsara fis-salvavita u l-main switch u dawn ġabhom il-Qorti fejn wera wkoll MCB maħruq. Din hija l-ewwel darba ili rajt dawn l-affarijiet u ma nistax ngħid jekk kinux minn tiegħi jew le. Is-Sur Tabone lili qatt ma qalli b'dan l-inċident. Għalhekk m'inix f'posizzjoni illi nikkummenta la ma qallix u jiena ma rajtux b'għajnejja l-materjal illi ġab *il-Qorti, in kontro-eżami huwa ikkontradiċa lilu nnifsu in kwantu ddikjara li* Joseph Camilleri huwa inġinier kwalifikat u dan joħroġ iċ-ċertifikati wara illi jiena nagħmel ix-xogħol. Fil-flat 1 Camilleri ħareġ iċ-ċertifikat tax-xogħol illi għamilt. Iċ-ċertifikat huwa neċessarju sabiex tiġi provduta l-provvista tal-elettriku fil-fond mill-Enemalta. Għandi kuntatt mas-Sur Camilleri sa' illum. Is-Sur Camilleri lili kkonfermali li kien mar fil-fond fuq ilment tas-Sur Demanuele. Ikkonfermali wkoll illi kien biddel l-MCB - *kwindi altru milli ma kienx jaf qabel dwar il-fatt li l-MCB inħaraq u li dan l-istess MCB ma kienx il-wieħed li ġie installat minnu.*

*Fatturi oħra li juri li x-xogħol esegwit mill-konvenut ma kienx skont is-sengħa u l-arti jirriżultaw mill-eskussjoni tal-Perit Tekniku l-Inġinier André Cauchi (fn. 33 xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Diċembru, 2016, fol. 228 sa 238 tal-proċess) fejn fost*

*affarijiet oħra ddikjara* jiena ħadt sample, rajtu a couple of things per eżempju xi ħaġa li niftakar ċarissima hija li kien hemm *wires* joined together mingħajr china clip u meta jiena staqsejtu lis-sinjur qalli aħna dejjem hekk għamilna. Jiena għidtlu jista' jkun illi intom dejjem għamiltu hekk imma dak mhuwiex aċċettabbli. ... Jekk tara ritratt numru tlieta *(fn. 34 fol. 220 tal-proċess*), hemmhekk għandek ġonta li hija covered with tape imma ġonta twisted wires. *Il-Perit Tekniku xehed ulterjorment illi* d-difetti li rajt jiena mhumiex relatati jekk ix-xogħol intemm jew le. L-items li rajt mhumiex jiġifieri jekk spiċċah jew ma spiċċahx, if that is done it is done. Ħa ntik eżempju sempliċi ħafna. Jekk għandek il-kaxxa u għandek il-wires imġanntin u magħluqa that part is ready u saħaq li jiena li nista' ngħid huwa li mhuwiex skont ir-regolamenti. Dak li nista' ngħid u jiena fil-fatt lis-sinjur niftakar illi għidtlu biex iġib xi inġinier jew whatever għaliex hu ma jistax jispjega lili imma għandu rapport*, a damning report against him*. Bażikament he should have asked for a bit of an expert's advice on what to counteract or what he could have fixed.

*Għall-affermazzjoni illi l-installazzjoni tad-dawl esegwita mill-konvenut ilha taħdem tnax-il sena, il-Perit Tekniku rribatta iva,* imma ma jfissirx illi jekk ilha taħdem għaxar snin, hija ħażina għaliex ħażina tibqa' u xorta tibqa' kontra r-regolamenti la hija ħażina. *Għall-mistoqsija* u fl-opinjoni tiegħek xi periklu jekk jogħġbok? *Bla ebda eżitazzjoni ta' xejn il-Perit Tekniku wieġeb* periklu immedjat it is scruffy and some things were scruffy. Periklu iktar periklu ta' nar li jista' ultimately jaqbad maż-żmien u speċjalment il-connections kif inhuma. Meta għandek connection hekk, veru fl-antik hekk kienu jużaw imma mhuwiex aċċettabbli. That can create a hot spot. *Mistoqsi jekk il-connection minnu kkritikata u li fl-opinjoni tiegħu setgħet toħloq hot spot kienet mhux il-connection tal-main imma l-connection tar-return, il-Perit Tekniku wieġeb* hemm iktar ċans li jkun fil-live milli jkun hemm hot spot imma ma jeskludix li it can create a hot spot as well on the neutral. U dwar ħaġa li fil-fatt issemma fir-rapport u rajnieh viżwalment hija kif ġo kamra għandek two circuits - it is not good practice, it is dangerous. … Għaliex jekk inti tidħol ġo kamra u titfi circuit tgħid ok mela dik il-kamra mitfija, imur warajk xi ħadd u jsib li hemm plugs illi għadhom live u ma tfihomx. Dan f'każi fejn ġara hekk li xi ħadd mingħalih li għandu d-dawl mitfi u jieħu xokk. *Mistoqsi dwar il-fatt li din it-tip ta' sitwazzjoni se mai tiġi rimedjata mal-kompletazzjoni tax-xogħol, il-Perit Tekniku b'mod deċiż wieġeb* le, x'completion of works. Dan anzi fil-bidu nett jidħol għaliex jekk inti ppjanajt ix-xogħol li se tagħmel ring circuits in a certain way, dak fil-bidu u mhux fit-tmiem. Dik hija riflessjoni ta' kien hemm punt u vera. Dik tiġri għaliex jiena x-xogħol ma ppjanajtux. M'għandekx circuit u qed jaħdem "issa naraw kif jagħtini x-xogħol". Mhijiex prattika tajba. *Mistoqsi jekk din il-kwistjoni ta' two circuits ġo kamra waħda tiġix rimedjata fl-istadju tal-isnag list, il-Perit Tekniku*

*wieġeb jekk din is-sitwazzjoni taqa' fil-kuntest tas-snag list l-unika korrezzjoni li tista' ssir hi li* taqla' kollox u terġa' tagħmlu mill-ġdid. That is the correction. No other way, għaliex inti għandek two different circuits. Trid taqla' kollox u terġa' tagħmlu mill-ġdid. … this is not a snag għaliex by definition snag hija xi ħaġa that needs some finalisation. This is not finalisation but this is bad planning, simply bad distribution. Jekk tgħidli forsi ma tawhx ic-circuit all right, forsi jrid jagħmlu wara d-diagram. All right, that can go as a snag list because it is something that has to be done. Imma mhux having two circuits in a room. That is not a snag list but that is a planning mistake, an initial planning mistake. I am sorry imma dawk huma l-fatti.

*Minn dan kollu għalhekk jirriżulta b'mod ċar li x-xogħol esegwit mill-konvenut kemm fil-fond Nru.1 kif ukoll fil-fond Nru. 2, Nadant, Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun, fuq inkarigu tal-attur Andrew Tabone ma kienx skont is-sengħa u l-arti.*

*Il-Qorti tosserva li l-konvenut ipprova jxejjen il-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku - u b'hekk jikkontendi li x-xogħol minnu esegwit kien fil-fatt skont is-sengħa u l-arti - in bażi għal diversi akkużi, u dawn piuttost serji, diretti fil-konfront tiegħu, primarja fosthom li huwa ma għamilx spezzjoni xierqa u idoneja tal-installazzjoni tal-elettriku magħmula minnu għaliex fil-fond Nru.1 ma qalax kollox imma għamel biss spezzjoni viżwali tax-xogħol fejn allegatament lanqas biss fetaħ kaxxa waħda tal-elettriku u għaliex lanqas saret spezzjoni tax-xogħol fil-fond Nru.2. Tali akkużi fil-konfront tal-Perit Tekniku però huma għal kollox frivoli u addirittura vessatorji. In effetti mix-xhieda in eskussjoni tal-istess Perit Tekniku rriżulta li huwa ħa sample tax-xogħol billi fetaħ ċerta kaxxi u ma qalax kull ma hemm għaliex fl-ewwel lok il-fond già kien abitat u allura l-ispezzjoni kellha ssir b'ċertu mod u in oltre kienu l-istess konvenut u d-difensur tiegħu li oġġezzjonaw għall-fatt li l-aċċess idum iktar minn siegħa. Fir-rigward il-Perit Tekniku xehed* niftakar sew illi inti *(b'referenza għad-difensur tal-konvenut)* meta domt iktar minn siegħa għedtli isma' għidtli aħna suppost indumu siegħa hawnhekk u fil-fatt konna domna xi sagħtejn u li kien fil-fatt ħa samples tax-xogħol għaliex kienu qegħdin jgħixu n-nies ġo fiha u jekk tara wkoll ritratti oħrajn qed tara r-relazzjoni li fil-fatt ir-relazzjoni li kont qed nara, is-samples li ħadt corresponded. Jekk meta mort fuq is-sit ma sibtx - jien samples stajt nieħu peress li kontu anke ma ridtux iddumu - u jekk ma sibtx sample all right I could look deeper imma kien qiegħed jirriżulta.

*Fiċ-ċirkostanzi għalhekk fejn il-Perit Tekniku kellu ċerti restrizzjonijiet ta' kif seta' jagħmel l-aċċertamenti, u minn lat ta' tul ta' ħin b'imposizzjoni tal-konvenut u d-difensur tiegħu stess li ma ridux li l-aċċess idum iktar minn siegħa, żgur li l-konvenut ma jistax jargumenta b'suċċess li l-konklużjonijiet tal-istess Perit Tekniku huma għal kollox żbaljati u għandhom jiġu skartati minn din il-Qorti. Raġuni oħra għalfejn din il-*

*kontestazzjoni tal-konvenut ma tistax tiġi aċċettata iżda għandha tiġi appuntu trattata bħala frivola u vessatorja hija li minkejja l-oġġezzjonijiet u akkużi serjissimi minnu rivolti lejn il-Perit Tekinku għal raġunijiet li jaf huwa biss ma talabx in-nomina ta' Periti Perizjuri - bħalma kellu kull dritt jagħmel - iżda pprova jiskredita lill-Perit billi* jtella' lill-attur sabiex bil-ġurament tiegħu jikkonferma li bħala fatt waqt dan l-aċċess ma nfetħet l-ebda plakka tal-elettriku, fatt li qed jikkonfermah l-istess Dr. Godfrey Gauci Maistre, talba din li però ġiet miċħuda mill-Qorti proprio għaliex kontestazzjoni dwar l-operat u konsegwenti relazzjoni ta' Perit Tekniku maħtur mill-Qorti jiġu ndirizzati bl-eskussjoni tal-Perit in kwistjoni u/jew bit-talba għan-nomina ta' Periti Perizjuri u/jew Nota ta' Kritika *(fn. 35 digriet mogħti fl-20 ta' Frar, 2017, fol. 239 tal-proċess). Kif diversi drabi osservat mill-Qrati nostrali l-ġudizzju d'arte* "m'għandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakoltà lilha mogħtija b'talba għan-nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment ammenokke ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi rraġonevoli *(fn. 36 Giswara Bugeja v. Emanuele Muscat, deċiża mill-Qorti tal-Appell, fit-23 ta' Ġunju, 1967).*

*Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet (fn. 37 fol. 244 sa 247 tal-proċess) tiegħu l-konvenut jikkontendi ulterjorment li x-xogħol minnu esegwit kien fil-fatt skont is-sengħa u l-arti għaliex* l-atturi, it-tnejn li huma, ilhom jgħixu għal aktar minn ħdax-il sena taħt din l-umbrella ta' 'xogħol ħażin', u dana mingħajr problemi, ħlief għal dawk inizjali kif xehedu huma stess. Fil-mori tal-kawża ma ġabu ebda farka ta' prova illi kienu sofrew xi problemi oħra. Semmai il-provi juru biss illi x-xogħlijiet imwettqa mill-konvenut kienu ineleganti u li setgħu saru b'mod iktar pulit. *Tali pretensjoni tal-attur però hija għal kollox ġuridikament insostenibbli u dana billi rrispettivament mill-fatt li sa llum fortunatament qatt ma inqalgħu problemi ta' natura serja u gravi fejn esegwixxa x-xogħol il-konvenut, jibqa' l-fatt li mill-aspett tekniku jirriżulta ampjament u sodisfaċentement ippruvat li x-xogħol esegwit mill-konvenut fl-imsemmija fondi ma huwiex skont is-sengħa u l-arti*.

*Stabbilit illi x-xogħol esegwit mill-konvenut fil-fondi Nru. 1 u 2, Nadant, Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun, fuq inkarigu tal-attur Andrew Tabone ma humiex skont is-sengħa u l-arti, jeħtieġ issa tiġi trattata l-pretensjoni ulterjuri tal-atturi fil-konfront tal-konvenuti, u cioè li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuhom danni fl-ammont ta' €11,646.87 jew somma verjuri kif likwidata minn din il-Qorti.*

*Id-dritt tal-atturi li jesiġu l-ħlas tad-danni mingħand il-konvenuti għall-fatt li x-xogħol esegwit mill-konvenut Emanuel Buhagiar fil-fondi Nru. 1 u 2, Nadant, Triq il- Kappillan Mifsud, Ħamrun, ma huwiex skont is-sengħa u l-arti, jitnissel kemm mill-prinċipji*

*ġuridiċi relattivi għall-kuntratti ta' appalt ġia iktar 'il fuq esposti f'din is-sentenza kif ukoll mill-prinċipju ġuridiku ġenerali li kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni (fn. 38 artikolu 1125 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. 'Raphael Micallef v. Anthony Agius', Ċitaz. Nru. 1003/89 deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Ġunju, 2004). Fil-każ in eżami d-danni reklamabbli mill-atturi huma korrispondenti għall-ispiża neċessarja għall-eliminazzjoni tad-difetti fix-xogħol esegwit mill-konvenut.*

*Fir-rigward tad-danni pretiżi l-attur iddikjara li* meta jiena infurmajt lill-konvenut dwar ir-rapport tas-Sur Caruana, dan ħadni bil-herra u ma stajtx nasal miegħu. Tant hu hekk illi spiċċajt biex għidtlu li kont ser narah il-Qorti. Sadanittant il-Flat numru 1 qed jiġi użat minn ħu l-mara tiegħi, li għandu żewġt (2) itfal u dan għandu problemi kbar bl-elettriku l-għaliex qabel ma jixgħel appliance jrid joqgħod attent għall-wattage u l-ammont ta' konsum biex jitfi appliance oħra, ħalli jżomm il-livell tal-wattage baxx. Però fl-aħħar mill-aħħar hija responsabilità tiegħi biex nerġa' naqla' kollox u nagħmel sistema mill-ġdid. Għalhekk jiena ddeċidejt li nibda bil-Flat numru 2 u bdejt nipprova nsib Electrician biex jerġa' jagħmilli x-xogħol mill-ġdid. Dan għamiltu wara ċerta diffikultà peress illi aħna ħafna Electricians ma riedux jaħdmu fuq ħaddieħor jew inkella jsibuk dahrek mal-ħajt jibdew jgħollulek il-prezzijiet m'għola s-sema. Però fl-aħħar sibt wieħed illi tani prezz raġonevoli u beda ix-xogħol. Meta bdejna naqilgħu x-xogħol tal-konvenut bdew joħorġu difetti oħra illi ma setax jinduna bihom is-Sur Caruana, bħal per eżempju wires imġonnta ġo nofs conduit imdawra b'tape, ħaġa perikoluża immens peress illi tista' tikkawża hot spot. Dawn rajthom jiena personalment. Meta ġejt għall-Flat numru 1, li kien aktar avvanzat mill-Flat numru 2, qabbadt Turnkey Company peress illi dana ma kienx jinvolvi xogħol ta' Electrician biss, imma wkoll kellu jinqala' xi madum u għalhekk jiena qabbadt kumpannija li setgħet tbiddel is-sistema tal-elettriku kollu, terġa' tagħmel waħda mill-ġdid u tagħmilli x-xogħol tal-*finishing* kollu. Però dan ix-xogħol għadu ma sarx u għandi biss stima ta' din il-kumpannija, li nista' nesebixxi fi stadju ieħor - *bħala fatt l-istima ġiet esebita mill-attur fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 2007 u tinsab esebita bħala Dok. "AT" a fol. 55 tal-proċess* - Lill-konvenut bejn iż-żewġ (2) fondi ħallastu tlett elef u sitt mija (3,600). L-istima li għandi tat-Turnkey Company, illi jinkludi l-Flat numru 1 u l-common parts, li wkoll inħadmu mill-konvenut, telgħet għal erbat elef, erba' mija u erbgħa u tmenin lira Maltin (Lm4,484). Però jiena qed nillimita t-talba tiegħi għall-kompetenza ta' din il-Qorti, u cioè ħamest elef Lira Maltin (Lm5,000) *(fn. 39 xhieda mogħtija mill-attur waqt is-seduta tal-25 ta' April 2007, fol. 23 sa 26 tal-proċess).*

*Nonostante dak li jirriżulta mix-xhieda tal-attur Andrew Tabone, l-atturi naqsu milli jressqu provi iktar konkreti dwar id-danni minnhom pretiżi mingħand il-konvenuti stante li, ad eżempju, ma ressqux lir-rappreżentant ta' Vassallo Turnkey Limtied biex tal-inqas jikkonferma bil-ġurament l-istima maħruġa mill-imsemmija soċjetà għax-xogħol rimedjali meħtieġ fil-fond Nru. 1 okkupat minn Anthony Demanuele u l-familja tiegħu. Detto ciò però dana ma jfissirx li l-Qorti ma tistax tgħaddi biex tillikwida danni a favur l-atturi li għandhom jitħallsu mill-konvenuti u dana billi huwa prinċipju ġuridiku assodat li fin-nuqqas ta' mezzi probatorji tal-ammont tad-danni, dan l-ammont jiġi ffissat* ex aequo et bono *mill-ġudikant skont id-dettami tar-raġuni u tal-kuxjenza tiegħu meta jiġi msejjaħ biex jistabilixxi l-kwantitattiv tad-danni (fn. 40 – Neg. Edgar Laferla noe v. Neg. Antonio Cachia pro et noe, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-6 ta' Ġunju, 1951; Charles Camilleri v. Peter Zammit et, Rik. Nru. 170/86 deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 t'Ottubru, 2017).*

*Mill-provi prodotti u b'mod partikolari mix-xhieda tal-attur joħroġ b'mod ċar li x-xogħol li sar mill-konvenut fil-fond Nru. 2 inqala' kollu u kellu jerġa' jsir mill-ġdid minn terza persuna. Dan ifisser għalhekk li l-attur ħallas lill-konvenut għal xogħol tal-elettriku f'dan il-fond li ma kien ta' ebda utilità għalih. Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-atturi ma kienux qed iħallsu lill-konvenut għal flat wieħed u imbagħad għall-flat l-ieħor imma kienu qed jagħmlu pagamenti akkont fuq ix-xogħol kollu li kellu jsir fiż-żewġ fondi, liema pagamenti b'kollox ammontaw għal Lm3,600, illum ekwivalenti għal €8,385.74, hekk kif jirriżulta mir-riċevuti esebiti a fol. 56 sa 65 tal-proċess u kif rikonoxxut mill-istess konvenut fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-20 ta' Ġunju, 2007 (fn. 41 fol. 89 sa 91 tal-proċess).*

*Jirriżulta li x-xogħol fil-fond Nru. 1 kien ferm iktar avvanzat milli x-xogħol fil-fond Nru. 2, in effetti jidher li dan ix-xogħol kien tlesta tant illi nħareġ* completion certificate *u ftit wara beda jiġi okkupat minn Anthony Demanuele u l-familja tiegħu. Minn dan huwa deżumibbli għalhekk illi l-parti l-kbira tal-ħlasijiet akkont kienu qed ikopru x-xogħol esegwit fil-fond Nru. 1 iktar milli x-xogħol fil-fond Nru. 2. Mill-kont tal-konvenut a fol. 11 u 12 tal-proċess jirriżulta li huwa kien qed jippretendi ħlas komplessiv ta' Lm3,688.88, ekwivalenti għal €8,592.77, għax-xogħol esegwit fil-fond Nru. 1 u għalhekk bil-ħlas tas-somma ta' Lm3,600 (€8,385.74) ġie li l-atturi pratikament ħallsu għax-xogħol kollu relattiv għall-fond Nru.1 u kienu għadhom ma koprew xejn mill-valur tax-xogħol fil-fond Nru. 2. Detto ciò però, mir-Rapport tal Inġinier John Caruana u mir-Relazzjoni tal-Espert Tekniku jirriżulta li fil-fond Nru. 1 jeħtieġ li jsir xogħol rimedjali estensiv liema xogħol se jkun iktar laborjuż u diffiċli minħabba l-fatt li l-flat huwa abitat minn familja u kompletament armat bl-għamara. Jirriżulta wkoll li ċertu xogħol fil-partijiet komuni jeħtieġ jiġi rimedjat ukoll. Għalkemm l-istima a fol. 55 tal-*

*proċess ma ġietx konfermata bil-ġurament minn rappreżentant ta' Vassallo Turnkey Limited, il-Qorti tħoss li xorta għandha teħodha bħala indikazzjoni tal-valur tax-xogħol rimedjali meħtieġ biex jitranġa x-xogħol mhux skont is-sengħa u l-arti li sar fil-fond Nru. 1 u fil-partijiet komuni, tenendo conto tal-fatt li l-istima nħarġet diversi snin ilu.*

*Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li d-danni li huma dovuti lill-atturi mill-konvenut għax-xogħol esegwit mhux skont is-sengħa u l-arti mill-konvenut Emanuel Buhagiar, rappreżentanti tali danni l-valur tax-xogħol rimedjali meħtieġ fil-fond Nru. 1 u fil-partijiet komuni biex jiġi rimedjat ix-xogħol ħażin tal-konvenut, għandhom jiġu likwidati fl-ammont ta'* ***€10,200,*** *ekwivalenti għal LM4,378.86.*

*Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:*

*1. Tiddikjara li x-xogħol esegwit mill-konvenut Emanuel Buhagiar fil-fondi Nru. 1 u 2, 'Nadant', Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun, fuq inkarigu tal-attur Andrew Tabone ma sarx skont is-sengħa u l-arti;*
*2. Konsegwentement filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti, tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha sollevati mill-konvenuti; u*

*3. Minflok tilqa' t-talba attriċi b'dana li tillikwida d-danni dovuti lill-atturi mill-konvenuti fis-somma ta' €10,200 u tikkundanna lill-konvenuti,* in solidum *bejniethom, iħallsu lill-atturi s-somma ta' €10,200, bl-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.*

*L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk pertinenti għan-nomina u konsegwenti Relazzjoni tal-Perit Tekniku l-Inġinier André Cauchi, jibqgħu a karigu tal-konvenuti, solidalment bejniethom."*

## L-Appell

15. Il-konvenuti ressqu l-appell tagħhom minn din is-sentenza fid-9 ta' Novembru, 2020, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex,

*"... [wara li tieħu] in konsiderazzjoni l-prinċipji invjolabbli fid-duttrina kważi universali, ta'* **'nemo licet locupletari cum aliena jactura'*, tillikwida*** **'arbitrio boni viri'** ***s-somma ekwa u reali verament u ġustament*** *dovuta lill-atturi appellati, u tikkundanna lill-appellati sabiex iħallsu lill-appellanti s-somma hekk likwidata, u dana,* ***però, b'modifika tal-quantum tal-ispejjeż*** *li għandhom iħallsu l-partijiet fiż-żewġ istanzi."*

16. L-appellanti qalu li dan mhux appell fil-mertu, u bdew biex spjegaw li huma qegħdin jaċċettaw mingħajr riserva, kemm il-konklużjonijiet li waslu għalihom l-espert tekniku maħtur mill-Ewwel Qorti, kif ukoll tal-espert tekniku prodott *ex parte.* Qalu li l-ħsieb tagħhom huwa li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi tikkonfermaha fil-pjenezza tagħha fil-parti fejn l-Ewwel Qorti qatgħet u ddeċidiet u ddikjarat li x-xogħol esegwit mill-konvenut ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Konsegwentement, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati minnhom u minflok tilqa' t-talba attriċi b'dana li tillikwida d-danni dovuti lill-atturi mill-konvenuti fis-somma ta' €10,200 u tikkundanna lill-konvenuti, *in solidum* bejniethom, iħallsu lill-atturi is-somma ta' €10,200, bl-imgħax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament. L-appellanti qalu li għalhekk l-iskop ta' dan l-appell huwa sabiex din il-Qorti tirrevedi l-ammont li huma għandhom iħallsu lill-appellati.

17. L-appellanti qalu li huma ħassewhom aggravati għaliex fil-fehma tagħhom, l-Ewwel Qorti skartat għal kollox il-fatt li l-appellati qegħdin igawdu, u ser jibqgħu jgawdu, il-frott tal-iżborżamenti li għamel l-appellant favur tagħhom, liema frott issarraf f'materjali, permessi, liċenzji, li kollha għadhom jeżistu sal-ġurnata tal-lum. Qalu wkoll li minkejja li ż-żewġ periti sabu wire imġannat, kif ukoll sabu żewġ *circuits* difettużi, u per konsegwenza l-kurrent tad-dawl kellu jservi l-*power points* separatament u indipendentement, qalu wkoll li l-appellati ma jeħtiġux is-somma enormi ta' €10,200 biex jirrimedjaw tali difetti. Qalu li s-somma li waslet għaliha l-Ewwel Qorti hija waħda esaġerata

għall-bdil ta' wire imġannat u għall-mogħdija ta' żewġ linji ġodda fil-pajpijiet eżistenti.

**Ir-Risposta tal-Appell**

18. L-appellati fir-risposta tagħhom wieġbu li l-appellanti qegħdin jikkontradixxu lilhom infushom bil-bosta meta f'ħin minnhom jgħidu li qegħdin jaċċettaw il-konklużjonijiet peritali u li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u fl-istess ħin jgħidu li m'hemmx il-ħtieġa li jsiru riparazzjonijiet. L-appellati qalu li meta wieħed jaqra r-rapport tal-Espert Tekniku Ġudizzjarju, wieħed jasal għall-konklużjoni li f'dan il-każ mhux tiswijiet iridu jsiru, iżda xogħol mill-ġdid. Qalu li għalhekk l-ispiża hija ferm akbar mill-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti, għaliex irid jinqala' x-xogħol ta' dawl u ilma, jekk mhux kollu fil-maġġior parti tiegħu li sar ħażin, u jerġa' jiġi nstallat mill-ġdid, u dan sabiex jiġu evitati inċidenti serji u gravi li jistgħu saħansitra f'żmien jew ieħor iwasslu għal ħruq. L-appellati spjegaw li dawn il-proċeduri nbdew fil-31 ta' Mejju, 2006, u li minn dakinhar il-prezz tal-materjal u tax-xogħol żdied ferm. Qalu li sabiex jiġi rimpjazzat ix-xogħol li sar mill-appellant, fl-2007 huma kienu ppreżentaw stima tax-xogħol li kienet ta' €10,444.91, u li ċertament li minn dakinhar il-prezz tax-xogħol żdied bil-bosta. Qalu li x-xogħol ta' rimpjazzament tas-sistema elettrika u tal-ilma jesiġi li jinbidlu s-soffitti u l-madum, u sussegwentement isir xogħol ta' tikħil u żebgħa. Qalu li x-xogħlijiet rikjesti huma neċessarji għas-sigurtà tal-familji li jridu jgħixu fil-fondi, u għal min irid jagħmel użu mill-partijiet komuni tal-binja. Qalu li f'dan il-każ ix-xogħol li sar mill-appellant mhux ma kienx irfinut jew mirqum, iżda ma kienx aċċettabbli għaliex sar kontra l-prattika tajba u r-regolamenti. L-appellati

qalu li b'żieda ma' dawn il-konstatazzjonijiet kollha, mill-provi kellu jirriżulta li huma ħallsu LM200 (€465) sabiex isir it-trasferiment tal-arloġġ tad-dawl, billi għal xi raġuni l-appellant kien irreġistra l-arloġġi f'ismu. L-appellati qalu li l-Ewwel Qorti kienet pjuttost ġeneruża mal-appellant, meta minflok akkordat it-talba tagħhom fis-somma ta' €11,646.87, irriduċietha għas-somma ta' €10,200 bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, meta wieħed jikkonsidra li din id-deċiżjoni damet erbatax-il sena biex tingħata, u fil-frattemp r-rati għall-installazzjoni tad-dawl u l-ilma kif ukoll għax-xiri tal-materjal għolew drastikament.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

19. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellanti, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellati u anki tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. L-Ewwel Qorti ddeċidiet li d-danni li l-appellanti għandhom iħallsu lill-appellati għal xogħol mhux skont is-sengħa u l-arti li dan għamel fil-fondi tagħhom jammonta għal €10,200. Permezz tal-appell tiegħu, l-appellant filwaqt li qabel li x-xogħol eżegwit minnu ma kienx skont is-sengħa u l-arti, talab lil din il-Qorti tirriduċi d-danni likwidati mill-Ewwel Qorti.

*L-aggravju ewlieni: [l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti]*

20. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex għalkemm l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li x-xogħol fil-fondi tal-appellati ma sarx skont

is-sengħa u l-arti, l-ammont ta' danni likwidat (€10,200) huwa wieħed esaġerat u ma jirriflettix ix-xogħol rimedjali li huwa meħtieġ li jsir. L-appellati laqgħu għal dan billi qalu li f'dan il-każ mhux xogħol rimedjali li huwa meħtieġ li jsir, iżda li jiġi maqlugħ dak kollu li ġie installat mill-appellant, u r-rimpjazzament tiegħu. Waqt it-trattazzjoni quddiem il-Qorti, l-avukat difensur tal-appellant qal li għalkemm il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti kienu nbdew erbatax-il sena qabel, u l-pożizzjoni li ħadu l-appellati kienet fis-sens li x-xogħol li għamel l-appellant kien tant ħażin li huma kienu qegħdin f'periklu kontinwu, sal-lum dawn għadhom jagħmlu użu minn dawn il-fondi, u ma jirriżultax li żviluppaw il-ħsarat kbar li ilmentaw dwarhom l-appellati fir-rikors promutur tagħhom.

21. Il-Qorti tirrileva li r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellanti huwa redatt f'termini xejn ċari u pjuttost nebolużi, fejn min-naħa l-waħda l-appellant qiegħed jaqbel mal-konstatazzjonijiet li għamlu l-esperti tekniċi dwar ix-xogħlijiet li saru fil-fondi mill-appellant, u qiegħed jaqbel u jammetti li x-xogħol eżegwit minnu ma sarx skont is-sengħa u l-arti, iżda imbagħad qiegħed jipprova jgħid li d-danni likwidati favur l-appellati m'għandhomx jammontaw għas-somma li ġiet likwidata mill-Ewwel Qorti, għaliex fil-fehma tiegħu x-xogħol rimedjali li huwa meħtieġ li jsir huma biss biċċtejn xogħol żgħar li żgur li mhux ser jiswew lill-appellati l-ammont likwidat favur tagħhom mill-Ewwel Qorti. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-appellati ġabu prova quddiem l-Ewwel Qorti li l-istima li ngħataw għax-xogħlijiet meħtieġa fil-fondi tagħhom lura fl-2007 kienet tammonta għal madwar €10,500. Huwa fatt notorju li b'mod konsistenti, kemm il-prezz tal-materjal kif ukoll il-prezz tax-xogħol bħal dak li huwa meħtieġ li jsir fil-fond tal-appellati jogħlew, u għalhekk l-istima ppreżentata mill-appellati

għandha titqies bħala pjuttost konservattiva. Mill-provi jirriżulta wkoll li sabiex isiru x-xogħlijiet rimedjali meħtieġa, hemm bżonn li jinqala' madum, soffitti, kisi tal-ħitan, li wara jkun irid jerġa' jsir u jitbajjad mill-ġdid, kif ukoll l-inkonvenjent reali ħafna li l-familja li hemm tgħix fil-fond trid tissaporti li għal xi żmien tgħix f'ambjent maqlugħ, jew inkella tirriloka f'fond ieħor. Dan kollu għaliex l-appellant, fuq ammissjoni tiegħu stess, m'għamilx xogħol skont is-sengħa u l-arti.

22. Il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li llikwidat l-ammont ta' danni li għandhom jitħallsu lill-appellati f'ammont li huwa inqas mill-istima tax-xogħlijiet rimedjali li kienet ippreżentata minnhom fl-2007, meta huwa evidenti li l-prezz tax-xogħol u tal-materjal għola sostanzjalment minn dak iż-żmien. L-argument tal-appellant li sal-lum l-appellati għadhom qegħdin jagħmlu użu mill-installazzjonijiet li għamel hu fil-fond tagħhom, u li għalhekk dawn ma kienu tal-ebda periklu għalihom, m'għandu l-ebda bażi għaliex l-appellant mhux f'qagħda li jgħid jekk wara dan iż-żmien kollu l-appellati kellhomx jirrimpjazzaw ix-xogħol li għamel hu fil-fondi tagħhom, u kien biss b'xorti tajba li ma ġratx ħsara kbira fil-fondi minħabba x-xogħol inadegwat li għamel l-appellant fuq ammissjoni tiegħu stess. Il-Qorti mhix sejra tispekula fuq jekk l-appellant għandux raġun jgħid li x-xogħol rimedjali meħtieġ jinvolvi biss biċċtejn xogħol żgħar, għaliex bħala appaltatur tax-xogħol, l-appellant kellu l-obbligu li mhux biss jiggarantixxi li x-xogħol tiegħu sar sew, iżda kellu wkoll l-obbligu li jassigura li x-xogħol li jagħmel m'huwa ser jagħti l-ebda difetti fil-futur. Il-konvenut mhux biss ma tax il-garanziji li kien obbligat jagħti bil-liġi, iżda minflok ammetta li x-xogħol eżegwit minnu ma sarx skont is-sengħa u l-arti.

Għaldaqstant, in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-aggravju mressaq mill-appellant.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti, billi filwaqt li tiċħad l-aggravju mressaq minnhom, qiegħda wkoll tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**